A.L. 12 ta' l-2006

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Transport u s-Servizzi Postali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Transport u s-Servizzi Postali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Transport u s-Servizzi Postali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 178 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2006.

Jemenda regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minflok il-kliem "Lm195,000" f'paragrafu (a), għandhom jidħlu l-kliem "Lm180,900"; u

(b) minflok il-kliem "Lm2,448,000" f'paragrafu (b), għandhom jidħlu l-kliem "Lm2,262,800".

Jemenda regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

3. Regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minflok il-kliem "Lm32,000" u "Lm400,000" fis-subregolament (6) (a), għandhom jidħlu l-kliem "Lm34,000" u "Lm428,000" rispettivament; u

(b) minflok il-kliem "Lm32,000" fis-subregolament (6) (b), għandhom jidħlu l-kliem "Lm34,000".

Jemenda regolament 61 tar-regolamenti prinċipali.

4. Regolament 61 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minflok il-kliem "Lm195,000" fis-subregolament (1), għandhom jidħlu l-kliem "Lm180,900"; u

(b) minflok il-kliem "Lm195,000" fis-subregolament (2), għandhom jidħlu l-kliem "Lm180,900".